**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Gunju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 116 / 15RGM

Kawza fil-lista: 11

**B W P**
**vs**
**L-Avukat Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Joanna Borg Costanzi li b'digriet tat-2 ta' Marzu 2015 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti E U J; u lill-assenti G V T V T; u Direttur tar-Registru Pubbliku u permezz ta' digriet datat 3 ta' Lulju 2015 il-minuri K U J gie kjamat fil-kawza u permezz ta' digriet datat 17 ta' Novembru 2015 l-Avukat Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri K U J**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici fid-9 ta' Frar 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti zzewwget snin ilu lil E U J, il-Libja mil-liema zwieg ma twieldux ulied.

2. Illi minhabba l-gwerra civili fil-Libja, l-esponenti harbet u giet Malta u halliet lil zewgha fi Tripoli.

3. Illi f'Malta l-esponenti kellha relazzjoni extra-matrimonjali ma' G V T V T, mil-liema relazzjoni twieled il-minuri K fis-7 ta' Dicembru, 2013 fl-Isptar Mater Dei, tal-Qroqq, limiti tal-Imsida.

4. Illi l-minuri msemmi gie registrat fir-Registru Pubbliku bhala l-wild naturali ta' E U J u dan kif jirrizulta mill-anness Certifikat tat- Twelid anness u mmarkat bhala Dok. A.

5. Illi Yheogo V T huwa l-missier naturali tal-minuri kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha sucitat.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha sabiex:

1. Tiddikjara illi Tesmesghen U J mhuwix il-missier naturali tal-minuri Daimend li twieled mir-rikorrenti tis-7 ta' Dicembru, 2013 fl-Isptar Mater Dei, tal-Qroqq limiti tal-Imsida.

2. Tiddikjara illi G V T V T huwa l-missier naturali tal-minuri K li twieled mir-rikorrenti tis-7 ta' Dicembru, 2013 fl-Isptar Mater Dei, tal-Qroqq limiti tal-Imsida.

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fic-Certitikat tat- Twelid tal-minuri K billi fic-Certitikat tat- Twelid tal-minuri K li jgib in-nurnru ta' iskrizzjoni tlieta wiehed hamsa hamsa tas-sena elfejn u erbatax (3155/2014) jigi korrett tis-sens li fil-kolonna intestata "Isem il-Wild" il-kliem "K U J" ghandhom jigu sostitwiti bl-isem tal-minuri u cioe "Daimend G V T V"; u fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" il-kliem "E U J (Keren Eritrea)" ghanhomjigu sostitwiti bil-kliem "G V T V T (Sefa Eritrea)".

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti jew minn minnhom.

Rat ir-Risposta ta' l-Av Yana Mcallef Stafrace u l-PL Joanna Borg Costanzi bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti G V T V T, fejn intqal:

1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti mhijiex kompetenti illi tisma` u tiddeciedi din il-kawza stante illi l-kawza odjerna hija kawza ta' paternita` u sussegwentement bdil fl-istat civili ta' minuri, u ghalhekk il-Qorti kompetenti hija l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

2. Illi minghajr pregudizzu ghas-suespost, il-gudizzju mhuwiex integru stante l-fatt illi l-minuri K U J jehtieg illi tkun parti f'dawn il-proceduri, u dana permezz tal-hatra ta' kuraturi deputati;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposti ulterjuri.

Rat li wara r-rikors tal-kuraturi deputati l-Av Yana Micallef Stafrace u l-PL Joanna Borg Costanzi sabiex jinhatru kuraturi ohra biex jirrapprezentaw lill-assenti G V T V Aba, gew nominati l-Av Leontine Calleja u l-PL Peter Sammut sabiex jirrapprezentaw lill-istess assenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li peress li din hija kawza ta' paternita allura kellha tigi intavolata fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kif tipprovi 1-Legislazzjoni Sussidjarja 12.19;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li jintlaqghu t-talbiet attrici l-esponent jinvita lill-intimat G V T V T sabiex permezz ta' jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta tieghu meta twieldet il-minuri, (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieldu 1-minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet il-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inseriti fl-Atti tat- Twelid tal-fuq riferit minuri;

4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa mghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Leontine Calleja u l-PL Peter Sammut bhala kuraturi tal-assenti G V T V T, li permezz taghha ddikjaraw:

1. Illi hija l-attrici li ghandha l-piz tal-prova u li ghandha tressaq il-provi adegwati sabiex tikkonvinci lil dina l-Qorti illi l-intimat G V T huwa l-missier naturali tal-minuri K.

2. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw illi m'ghandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk huma jkunu konoxxenti ta' fatti relatati mal-kaz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat li permezz ta' digriet tat-3 ta' Lulju 2015 gie kkjamat in kawza l-minuri K u permezz ta' digriet tas-17 ta' Novembru 2015 gew nominati l-Av Noel Bartolo u l-PL Veronica Rossignaud bhala kuraturi ghall-minuri ghall-finijiet tal-ligi.

Rat ir-risposta tal-Av Noel Bartolo u l-PL Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati ghall-minuri K U J, li permezz taghha ddikjaraw:

1. Illi din il-kawza giet ipprezentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili kif jixhed ir-rikors promotur, mentri l-Qorti kompetenti biex tisma' dan il-kaz hija l-Qorti Civili Sezzjoni Familja.

2. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimat minnhom rapprezentat.

3. F'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista` ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimat.

4. Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li b’digriet tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta’ Mejju 2015 li permezz tieghu iddikjarat ruhha mhux kompetenti ratione materiae u ordnat li l-atti jigu rimessi lir-Registratur tal-Qorti sabiex jigu assenjati lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

Rat li b’digriet tad-9 ta’ Gunju 2015 din il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-3 ta’ Lulju 2015 wara li l-atti gew lilha assenjati.

Semghat il-provi u rat id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**L-Azzjoni Attrici**

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri binha K qed titlob lill-Qorti tiddikjara li zewgha l-konvenut E U J mhuwiex missier l-istess minuri u li l-missier bijologiku tal-minuri huwa l-konvenut G V T.

**Provi**

Mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-attrici weldet lill-minuri K gewwa Malta, u dan il-minuri gie registrat bhala iben l-attrici u zewgha E U J.

Fl-affidavit taghha[1] **l-attrici** tixhed illi hija zzewget lill-konvenut E U J fil-Libya fis-sena 2009 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Fl-4 ta' April 2011, hija telqet mill-Libya minhabba l-gwerra izda zewgha ma rnexxilux jitla` fuq id-dghajsa u qatt ma gie Malta.[2] Tghid li meta giet Malta bdiet relazzjoni mal-konvenut G V T u minn din ir-relazzjoni twieled tifel K fis-7 ta' Dicembru 2013 fl-isptar Mater Dei. Meta t-tifel kellu xahrejn missieru kellu jitlaq lejn l-Amerika.

Hija tikkonferma li ma kellha ebda relazzjoni ohra ma' hadd hlief ma G V T li hu l-missier naturali tal-minuri.

Tixhed ukoll **Gennet Gerensea Mohari** bil-mezz tal-affidavit[3] li tghid li hi ilha habiba tal-attrici minn mindu giet Malta. Kienet hi li laqqghat lilha ma' G V T u ftit wara bdew jghixu flimkien bhala familja. Tghid li f'dak iz-zmien l-attrici kienet tghix bhala mara mizzewwga u ma kelliex hbieb irgiel hlief G V T. Tghid li hi kienet marret ma' G biex tipprepara ghall-festa tal-maghmudija tal-minuri u hu kien ferhan hafna li sar missier. Tghid li iktar ma jikber il-minuri izjed isir jixbah lil G V T.

Tixhed ukoll **Meriem Saleh Omer** bil-mezz tal-affidavit[4] li tghid li hi ilha taf lill-attrici madwar ghaxar snin, meta kienet ghadha l-Eritrea, imbaghad regghet

1 Fol 41

2 In sostenn ta' dan hija tipprezenta wkoll affidavit ta' Shewit Tesfaselase Welday u kopja ta' xhieda moghtija quddiem il-Qorti ghar-revizjoni tal-Atti Notarili, preseduta mill-Imhallef Emeritus Dr Joseph Galea Debono fl-10 ta' April 2014 (Kaz nru 20/2014).

3 Fol 48

4 Fol 49

iltaqghet maghha xi sentejn ilu gewwa l-Imsida. Hija tghid li meta ltaqghet maghha hi ndunat li kienet tqila u marida u offritilha li tmur tghix maghha halli tiehu hsiebha. Tghid li hemmhekk iltaqghet ma' G V T u l-attrici ntroducietu bhala l-partner taghha u missier it-tarbija li kienet qed iggorr. Tghid li damet tghix maghhom tmien xhur u kienu jghixu ta' mizzewgin. Tghid li meta twieled il-minuri, G V T kien prezenti u wara kien organizza festin ghall-okkazjoni. Tghid ukoll li telaq ghall-Amerka kontra qalbu izda ma setax jirrifjuta.

Jixhed ukoll **Yousef Fasi Gebrekidan** bil-mezz tal-affidavit[5] li jghid li huwa ltaqa` ma' l-attrici fl-2012 xi xhur wara li kienet waslet Malta u hi kienet tghix ma' G V T. Xi zmien wara sar jaf li kienet tqila u qaltlu li kien ser ikollha tarbija minn G. Jghid li meta kellha lil K kien mar jarahom l-isptar u hemmhekk kien hemm G li kien ferhan hafna. Huwa kien organizza wkoll festin b'hafna nies. Jghid li kien wiehed milli wassal lil G V T l-ajruport meta kellu jmur lejn l-Amerka u ra xeni ta' swied il-qalb bejn l-attrici u G u t-tarbija. Jghid li l-partijiet kienu ftehmu illi G jmur l-Amerka u jistenna lill-attrici u t-tarbija jmorru hdejh.

Jixhdu wkoll **Helen Tsegay Hailu u Shewit Tesfaslase Welday**[6] li ddikjaraw bil-gurament illi ilhom jafu lill-attrici ghal zmien twil u li meta kienet Malta hija kellha relazzjoni ma' G V T u kellhom tarbija. Jghidu wkoll illi J E U qatt ma gie Malta u ghalhekk ma kienx Malta 300 jum qabel it-twelid tat-tarbija.

Xehed ukoll **l-iSpettur Mario Haber**[7] li kkonferma li l-attrici dahlet Malta fit-8 ta' April 2011 u nghatat in-numru tal-Pulizija 11D11. Dwar E U J ma sab l-ebda informazzjoni. Dwar G V T jghid li gie *resettled* lejn l-Amerka fid-19 ta' Frar 2014.

Il-Qorti rat li Dr Leontine Calleja bhala kuratrici tal-konvenut G V T bghatitlu ittra fl-indirizz li nghata lilha mill-avukat tal-attrici, sabiex titolbu jibghat il-konnotati tieghu, izda ma ntbaghtet ebda risposta da parti tal-imsemmi konvenut.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-*

5 Fol 50
6 Fol 51
7 Fol 60

*tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Fil-kawza odjerna ma sarux testijiet xjentifici sabiex tigi stabbilita` l-paternita` tal-minuri K. Ghalhekk huwa mehtieg jigu evalwati l-provi kollha mressqa sabiex jigi deciz jekk il-preponderanza taghhom jnisslux f'mohh min irid jiddeciedi dak il-konvinciment morali necessarju li jwassal ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

In tema legali jinghad illi:-

*"F'ricerka simili, il-morigeratezza ta' l-omm hi relativa, u ghandha tiftiehem fis-sens li hija ma tkunx uriet kostumi facili qrib il-koncepiment u fil-kors tal-gravidanza; u l-gudikant ghandu juza cirkospezzjoni kbira, billi l-prova ta' l-elementi msemmijin ghandha tirrizulta minn provi gravi, precizi u konkordanti."*[8]

Ikkunsidrat ulterjorment:

Huwa minnu illi minn ezami tat-testimonjanzi pprezentati mill-attrici, sew taghha kif ukoll tax-xhieda kollha minnha mressqa kif hawn fuq iccitati, dawn kollha jikkonfermaw illi l-attrici u l-konvenut G V T flimkien ma' binhom K kienu jghixu bhala familja, qabel l-istess konvenut kellu jallontana ruhu minnhom u jitlaq lejn l-Amerka.

Din il-Qorti tosserva wkoll illi skont l-affidavit ta' Yousef Fasi Gebrekidan a fol 50, l-attrici u l-konvenut G V T ftehmu illi huwa jmur l-Amerika u jistenna lilha u lit-tarbija taghhom hemmhekk. Jidher ukoll mill-ittra esebita a fol 90 illi l-attrici hija f'kuntatt mal-istess konvenut G, tant li hija fornit kemm l-indirizz tieghu gewwa l-Amerka, kif ukoll in-numru tat-telefon cellulari tieghu lill-avukat li qeghdha tirrapprezentah f'dawn il-proceduri.

Ghalhekk, din il-Qorti difficli ssib spjega tar-raguni ghaliex ma sarux it-testijiet tad-DNA, li huma l-aktar prova b'sahhitha li tista` tnissel il-konvinciment necessarju f'mohh il-gudikant dwar il-vera paternita` tal-minuri. Il-konvenut G V T mhux biss seta` jaghmel it-testijiet qabel telaq minn Malta u rriloka gewwa l-Amerka, izda jekk dan ma kienx possibbli, huwa seta` jaghmilhom gewwa l-Amerka u jibghathom lill-attrici sabiex jigu esebiti fl-odjerni proceduri.

Fil-fehma tal-Qorti ma jezistux l-estremi sabiex fl-assenza tal-aqwa prova xjentifika, l-Qorti tiddikjara li l-minuri K huwa iben il-konvenut G V T. Dan qed

8 PA. **Adelaide Ore noe. vs Barry Corrison et.** deciza fl-14 ta' Ottubru 1953

jinghad ghaliex tali dikjarazzjoni gudizzjarja tbiddel radikalment l-istatus civili ta' persuna, u ghalhekk decizjoni bhal din ghandha, f'kull okkazjoni tittiehed b'kawtela kbira wara li l-Qorti tkun konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-premessi attrici huma sodisfacentement ippruvati. Fil-fehma tal-Qorti it-testimonjanza tal-attrici u tax-xhieda minnha prodotti ma jwasslux ghal-livell ta' prova rikjesta f'kawza fejn qed jintalab li r-ragel tal-omm dikjarat fuq l-att tat-twelid bhala missier it-tarbija jigi kancellat minn fuq isem ic-certifikat ta' bintha u minflok jitnizzel isem il-konvenut G V T. Dan b'mod partikolari, meta jidher illi setghu isiru t-testijiet xjentifici necessarji, izda ma sarux.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-attrici ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mil-ligi il-pretensjonijiet taghha f'din il-kawza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti fid-dawl ta' dak deciz supra, tichad it-talbiet kollha tal-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**